MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2010

Numru. 659/1996

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur J. M. Abela)**
**(Spettur Walter Spiteri)**

**Vs**

**Mario Sestito**

**Il-Qorti,**

Rat l-atti kollha tal-kumpilazzjoni migbura fil-konfront tal-imputat u dan fuq l-akkuzi talli fit-Tarzna ta' Malta, Bormla fit-23 ta' Jannar 1996 u fix-xhur ta' qabel ikkommetta serq ta' zeba "anti fouling" u affarijiet ohra liema serq u kwalifikat bil-lok, persuna, hin u ammont li jeccedi il-mitt liri maltin izda inqas minn elf liri maltin ghad-detriment tat-Tarzna ta' Malta;

Talli fit-Tazna ta’ Malta, fit-23 ta’ Jannar, 1996, xjentement kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu l-oggetti murija fil-lista annessa fin-Nota ta’ Qbid 48/1996 hawn mehmuza. Valur Lm168, Dazju LM16.80
Dawn l-oggetti huma soggetti ukoll ghat-taxxa tal-Valur Mizjud. Liema Dazju u Vat ma gewx imhallsa u/jew kawtelati u dan bi ksur ta’ l-Artikoli 60(b), (c), (d), (e), 62(b), (c), (e), (f), (g), (h), (i), (k) ta’ l-Ordinanza tad-Dwana, Kapitoli 37 u l-Att XII ta’ 1994 dwar it-taxxa tal-Valur Mizjud, tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli fit-23 ta’ Jannar, 1996, u/jew f’xi data qabel, instab li kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu 4 landi zeba, li fuqhom kellha tithallas Taxxa fuq il-Valur Mizjud, u liema taxxa ma gietx mhallsa jew kawtelata, u dan bi ksur ta’ l-artikolu 65 ta’ l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att. XII ta’ l-1994), u talli xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indahal biex ibighhom jew imexxihom.

Rat it-talba tal-kontrollur tad-Dwana in konnessjoni ma dan il-kaz kif ukoll l-annessa nota ta’ qbid (fol 3, fol 4 u fol 30 et seq ibid) kif ukoll dik tal-Ministeru tal-Finanzi (a fol 8 u fol 29 ibid).

Rat in-nota tal-Avukat Generali (fol 304 tal-atti) u li biha billi dehrlu li biha tista’ tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-imputat a bazi tal-istess kumpilazzjoni, taht dak li hemm mahsub:
(a) Fl-Artikoli 261 (c)(d)(e)(f), 267, 268, 269, 270, 279, 280, 281 tal-Kodici Kriminali;
(b) Fl-Artikoli 60(b)(c)(d)(e), 62(b)(c)(e)(f)(g)(h)(i)(k) tal-Kap. 37;
(c) Fl-Artikolu 65 tal-Att XII tal-1994;
(d) Fl-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali,
baghat lill-imputat sabiex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala wahda ta’ Gudikatura Kriminali, f’nuqqas ta’ opposizzjoni daparti tal-istess imputat.

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma ghandux tali oggezzjoni (fol 303 ibid).

Semghet lill-akkuzat minn jeddu.

Semghet it-trattazjoni.

Ikkunsidrat

Illi l-Ispettur Walter Spiteri spjega (fol 19 et seq ibid) li fit-22 ta' Jannar 1996 ghall-habta tas-1am, ghassies, addett mas-sigurta fid-"Drydocks", Mario Azopardi, kien irraporta li certu Emanuel Abela impjegat bhala xufier, kien gie maqbud, prezenti u fil-kumpanija ta' l-akkuzat odjern waqt li kien qed jsuq "truck" tal-istess Korporazzjoni u meta saret tfittxija fuq l-istess "truck", kienu nstabu erba' (4) patallotti ta' zebgha tal-marka "Sigma Plain AB AX" fil-kabina tat-"truck". Dawn l-oggetti kienu ghadhom maghluqin u godda fjammanti. Mill-investigazzjonijiet svolti mill-Pulizija, irrizulta li dawn il-patallotti kienu, qabel ma ttiehdu jinstabu vicin il-bacir numru 4. Inoltre l-istess spettur ghamel tfittxija fid-dar tal-imsemmi Emanuel Abela u, minn hemm, kien eleva "oggetti" li, skond hu, kienu jappartjenu lill-istess Korporazzjoni. Ghalhekk, gie nterrogat l-akkuzat u dan irrilaxxja l-istqarrija bil-miktub li hi anness mal-atti a fol 24 ibid. In rigward l-istess zebgha u "oggetti elevati" dawn gew konsenjati lid-Dipartiment tad-Dwana ghall-istima relattiva waqt li r-rapport twassal ghand id-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Fix-xhieda tieghu, jigi rilevat illi hu specifika li "Minghalija, it-trakk in kwistjoni (kien) twaqqaf qabel il-'gate' tad-Drydocks'". Inoltre a fol 25 ibid, tinsab ittra datata t-23 ta' Jannar 1996 indirizzata mid-ditta "Sigma" lil kap addett mas-sigurta tal-Korporazzjoni involuta minn fejn jirrizulta li qed tintalab l-assistenza sabiex jigu rintraccati dawn l-oggetti ta' zebgha li kienu neqsin. B'referenza ghall-istess stqarrija, minnha jidher li l-akkuzat kien stqarr li hu kien jaf li fuq il-'truck' misjuq minn Emanuel Abela, kien hemm il-patalotti in kwistjoni u li dawn kienu ttiehdu minghajr awtorizzazjoni sabiex "nizbghu ir-'rack' (tal-haddiema) u ghandi bicca ufficju konna ser nizbghuh ukoll".

Ikkunsidrat

Illi, in sostenn tal-premess, gew prodotti bhala provi s-segwenti:-

a) Anthony Critien (fol 32 et seq ibid) spjega in rigward l-ittra “in fotokopja” ezebita a fol 25 ibid illi l-‘items’ hemm specifikati kienu neqsin wara li d-ditta rapprezentata minnu kienet ikkonsenjathom lill-Korporazzjoni msemmija sabiex jintuzaw fuq vapur bl-isem ta’ “Export Freedom” li kien jinstab f’bacir numru erbgha (4). Difatti, waqt verifiki li kienu saru “matul il-lejl” izda l-jum u data li ma setax jispecifika, kienu nstabu neqsin l-oggetti msemmijin fl-istess ittra. Dwar dawn l-oggetti, fosthom dawk in ezami kif deskritti fl-ahhar “item”, dawn jigu suppliti direttament lill-istess Korporazzjoni mill-“bonded stores” tas-socjeta rapprezentata minnu u ghalhekk “Oggetti bhal dawn qishom ma’ dahlux hawn Malta” u ghalhekk ma jkunux soggetti ghal dazju u taxxa fuq il-valur mizjud. L-istess oggetti, minghajr taxxa, kellhom, skond ix-xhud, valur ta’ LM115 il-wiehed.

Ikkunsidrat

Illi l-imsemmi Mario Azzopardi (fol 35 et seq ibid) addett mis-sigurta, spjega illi matul il-lejl in kwistjoni fin-12.30am kien fuq pattuljament fil-vicinanzi tal-bacir imsemmi u quddiemu kien hemm “truck” aktarx bin-numru Z 1779. Meta dan waqaf “vicin il-kexxun”, hu baqa’ sejjer lejn il-“gate” ta’ Bormla fejn kien hemm Joseph Gauci bhala gwardjan. Hawnhekk issejjah fuq ir-radju, minn Lawrence Agius li kien ghassa ma’ diversi tankijiet taz-zebgha fl-istess bacir fejn kienu qed jsiru xi xoghlijiet fuq il-vapur. Sussegwentement, rega’ mar fid-direzzjoni ta’ dan il-bacir u ra’ l-istess “truck” ta’ qabel bl-istess akkuzat gej mid-direzzjoni tieghu. Wara li saq lejn il-bacir numru (5), hu rega’ mar lura u din id-darba ra’ lill-akkuzat “jaqsam it-triq”. Inoltre meta mar vicin it-‘truck’ hu tkellem ma Emanuel Abela li qabel kien rah jsuq l-istess ‘truck’ b’passigier mieghu li ma kienx gharaf u wara li staqsieh x’kellu got-‘truck’ u wigeb fin-negattiv, ix-xhud fetah il-bieba tal-passigier u fuq is-‘seat’ tal-passigier ra’ erba (4) tankijiet taz-zebgha. Wara hu kien baghat ghall-akkuzat u dan kien qallu “jekk nistghu nirrangaw xi haga” jew kliem simili (ara ukoll ix-xhieda ta’ Victor Dalmas, a fol 46 ibid, li xehed li “kollox gara l-gewwa mill-bieb tad-‘Drydocks’ u li

t-‘truck’ in kwistjoni li jintuza ghal garr ta’ cilindri ta’ l-ossignu kellu n-numru 07791, ta’ Lawrence Agius a fol 55 et seq ibid inkarigat sabiex joqghod f’post minn fejn seta jghasses u josserva z-zebgha imsemmija izda li kellu l-veduta tieghu ostakolata minn ‘crane’ u ghalhekk kien ra “movimenti” biss, tal-persuna li kienet ma Emanuel Abela u li gie inkarigat ukoll li jgib fuq il-post lill-akkuzat, li kien fl-ufficju tieghu kif ukoll ta’ Joseph Gauci a fol 61 et seq ibid li ra lill-akkuzat jaqsam “mid-direzzjoni tat-trakk lejn l-ufficcju tieghu” distanza ta’ madwar minn (100) pied.

Ikkunsidrat
Illi l-imsemmija patalotti ta’ zebgha gew fotografati u stimati kif jidher a fol 82 u fol 94 ibid rispettivament. Bhala stima, dawn inghataw il-valur ta’ Lm 320. Pero jigi notat illi skond l-istima tad-Dipartiment tad-Dwana dawn kellhom valur ta’ Lm 168 (ara fol 6 tal-atti). Difatti l-istess espert kif jidher a fol 93 kien emenda l-istima tieghu originali ghal Lm 200 cirka.

Ikkunsidrat
Illi f’dan il-kaz, din il-Qorti stenniet sabiex jigu konkluzi l-proceduri kontra Emanuel Abela quddiem din il-Qorti, kif diversament preseduta (ara fol 167 et seq ibid) sabiex l-istess Abela jkun jista’ jixhed f’dawn il-proceduri (ara fol 156 u fol 284 et seq ibid). Pero dwar din ix-xhieda, trattasi ta’ wahda moghtija minn komplici u akkuzat, pressa poco, tal-istess fatti, din il-Qorti ttrattat l-istess xhieda a bazi tal-Artikoli 639(3) u 658 tal-Kodici Kriminali.

Ikkunsidrat
Illi l-akkuzat xehed li hu kien impjegat bhala ‘store houseman’ u spjega kif l-istess patallotti ta’ zebgha ttellghu fuq it-‘truck’. Jigi rilevat illi fl-istqarrija tieghu hu kien semma’ illi l-istess zebgha kienet ser tintuza, minghajr id-debita awtorizzazjoni sabiex “…nizbghu ir-‘rack’ u “Ghandi bicca ufficju konna se nizbghuh ukoll”.

Ikkunsidrat
Illi hawnhekk jkun opportun illi, l-ewwel nett issir referenza ghall-akkuza ta’ serq kif kwalifikata. Mill-provi kif esposti jidher u gie pruvat illi l-patallotti ta’ sebgha in kwistjoni

kienu iccaqalqu minn posthom u tpoggew fit-'truck' in kwistjoni izda dejjem kienu gewwa il-perimetru tad-'Drydocks' sakemm nstabu minn nies addetti ghas-sigurta, kif hawn fuq spjegat. Ghalhekk jkun opportun illi jigi deciz jekk f'dan il-kaz id-delitt ta' serq effettivament gie kkonsumat u immatura pjenament jew giex kommess fuq livell ta' tentattiv biss. Dwar dan il-Qorti rat illi l-oggetti in kwistjoni kienu ghadhom taht il-kontroll tal-Korporazzjoni billi l-istess zebgha ma kienetx ghadha nharget mid-'Drydocks' u dan minhabba l-intervent tal-istess gwardjani u ghalhekk hi l-fehma Taghha li d-delitt, kif kwalifikat, ma kienx ghadu gie kkonsmat u b'hekk ghandu jigi kunsiderat li gie kommess sal-livell ta' tentattiv ta' serq kif kwalifikat u dan skond l-artikolu 41(1)(a) tal-Kodici Kriminali la darba l-akkuzat ghandu jinstab hati ta' tentattiv ta' serq, hu ma jistax jinstab hati li kkommetta ricettazzjoni skond l-artikolu 334 citat.

Ikkunisdrat
Illi, in rigward l-akkuza taht il-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta, irrizulta li l-istess zebgha kienet konsenjata lill-Korporazjoni nvoluta minghajr ma thallas xi dazju jew taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq l-erba patallotti. Dwar dawn l-akkuzi, l-Qorti, fil-fehma taghha, trid tara jekk l-akkuzat agixxa f'dan il-kaz xjentament. Kif irrizulta mill-provi prodotti l-akkuzat kien impjegat mal-istess Korporazzjoni bhala 'store houseman' u xi kultant anke bhala 'labourer'. Ghalhekk Hi ssibha difficli sabiex tikkonkludi illi l-akkuzat kien jaf li l-oggetti in ezami ma kienux soggetti la ghal dazju la ghal-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud. Konsegwentement, b'referenza ghall-akkuzi taht il-Kapitolu 37 tal-Att XII tal-1994 in vista li l-Qorti ma hiex konvinta illi l-akkuzat agixxa xjentement, ghandu jigi liberat minn din l-akkuza minhabba dubbju ragjonevoli dwar dan l-element essenzjali.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti waqt li ssib lill-akkuzat mhux hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu a bazi tal-Kapitolu 37 tal-Att XII tal-1994 u tal-Kapitolu 334 tal-Kapitolu 9 hawn fuq citati u tilliberah minn dawn l-akkuzi, issib lill-istess akkuzat hati talli bil-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit

minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta tieghu, ikkommetta fit-Tarza ta’ Malta, Bormla fit-23 ta’ Jannar 1996, tentattiv ta’ serq ta’ zebgha ‘anti-fouling’ liema tentattiv hu kkwalifikat bil-lok, bil-persuna, bil-hin u bl-ammont li jeccedi l-Lm100 izda anqas minn Lm 1000 u dan ghad-detriment tal-istess Tarzna skond l-artikoli 41(1)(a), 261(c), (d), (e), (f), 267, 268, 269, 270, 279, 280 u 281 tal-Kodici Kriminali.

In rigward il-piena, wara li rat is-sentenza hawn fuq citata moghtija kontra l-komplici tal-akkuzat kif ukoll il-fedina penali tal-akkuzat li kienet totalment nadifa sa dan il-kaz, il-Qorti ser tapplika l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta u tordna li l-akkuzat jigi liberat bil-kondizzjoni li ma jikkomettiex reat iehor fi zmien sitt (6) xhur millum stess.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------